**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' Jannar, 2016

Rikors Nru : 277/15 AL

**AB**

**-vs-**

**CDB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnejn ta' Awissu tas-sena elfejn (02/08/2000);

Illi l-esponenti issepara legalment minn ma martu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Elena Farrugia datat 22 ta' Awissu tas-sena 2002 (hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A');

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla jisimha S;

Illi peress li m'hemmx l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzoni bejn il-partijiet u li z-zwieg kien diga dikjarat legalment separat b'separazzjoni legali u issa ghaddew iktar minn erba' (4) snin mid-data tas-sepazzjoni *de facto;*

Illi dwar il-manteniment l-esponenti kif ukoll martu kienu irrinunzjaw ghad-dritt taghhom ghal manteniment, filwaqt illi l-esponent obbliga ruhu li jhallas manteniment ghal bintu Shanice a tenur tal-Artikolu 4 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, liema manteniment dejjem gie imhallas;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divozju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab in vista tas-suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet u sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tirreferi ghar-rikors intavolat mir-rikorrenti, rikors Nru 277/15 AL sabiex din il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg;

Illi hija ma toggezzjonax ghat-talba tar-rikorrent sabiex jinghata d-divorzju u dan peress illi r-rekwiziti ghat-talba tad-divorzju jinsabu sodisfatti hlief ghall-fatt li r-rikorrent ma hux jaghti nofs l-ispejjez ghall-edukazzjoni u dawk medici lil bintu skont kif hemm stipulat fl-Artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni, liema kuntratt sar fl-Atti tan-Nutar Elena Farrugia nhar it-22 ta' Awissu tas-sena 2002, ghal liema fatt l-intimata ser tinizja proceduri legali u gudizzjarji separatament minn dawn il-proceduri;

Talbet lil dina il-Qorti sabiex :

1. Tilqa z-zewg talbiet maghmula fir-rikors promotur;
2. Takkolji t-talba taghha sabiex hija tkun tista tirreverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Diamandidis", liema fatt jigi pronunzjat fis-sentenza li fiha jigi pronunzjat id-divorzju tal-partijiet f'din il-kawza;
3. In linea mat-tieni talba, titlob lil din il-Qorti tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta sabiex isiru l-annotazzjonijiet opportuni fic-certifikati civili taghha personali kif ukoll dak taz-zwieg;

Rat ir-rikors;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Lulju, 2015;

Rat illi l-intimata talbet biex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe Diamandidis u l-Qorti qeghda tilqa` din it-talba;

Rat illi l-intimata kkkontendiet illi r-rikorrenti ghandu jhallasha l-arretrati fir-rigward ta' sehmu mill-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi l-intimata minkejja illi allegat illi r-rikorrenti ghandu jhallasha somma ta' cirka elfejn u hames mitt euro, rapprezentanti sehmu minn nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri, li skont hi huwa baqa` ma hallasx, hija ma pprovatx dan bl-ebda mod, ma esebietx l-ircevuti u qalet illi hija kellha ricevuti izda qattghathom u r-rikorrenti cahad din l-allegazzjoni anzi qal li huwa dejjem hallasha ftit aktar minn dak li kien dovut lilha in linea ta'

manteniment ghall-minuri sabiex jkopri nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri;

Illi l-Qorti rat ghalhekk illi l-intimata ma ppruvatx fuq bazi ta' probabbilita` illi r-rikorrenti effettivament ma hallasx sehmu mill-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni tal-minuri;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat illi r-rikorrenti ssodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom separati mit-22 ta' Awwissu tas-sena 2002 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemmx pendenzi fir-rigward ta' manteniment ;

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tilqa` t-talbiet u tawtorizza lill-intimata li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe` Diamandidis, qeghda tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;